MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 867/2007

**Direttur ta’ l-Artijiet**
**-vs-**
**Saviour Grima u Josette Grima**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors** tad-Direttur ta’ l-Artijiet li permezz tieghu bil-gurament jikkonferma:

**Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi l-intimati nghataw b’cens temporanju ghal perjodu ta’ hamsin sena, bicca art fil-limiti tal-Mellieha (Tenement no: 053081) biex tintuza bhala razzett tat-tigieg. B’cens annwu ta’ elf u mitt lira (Lm1100), liema cens hu rivedibbli kull hames sninn skond ‘*l-index of inflation*’, u li jithallas kull sena bil-quddiem mit-13 ta’ Gunju 1995 kif muri fil-

kuntratt ta’ cens tat-3 ta’ Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli, hawn anness u mmarkat Dok. AM1;

2. Illi mit-13 ta’ Gunju 1999 sat-12 ta’ Gunju 2008 l-intimati naqsu milli jhallsu c-cens dovut fuq dik l-art;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew imsejjha diversi drabi biex jersqu ghal hlas, anka permezz ta’ ittra ufficcjali datata 23 ta’ Novembru 2005 (hawn annessa u mmarkata Dok AM2) huma baqghu nadempjenti;

4. Illi sa llum, l-intimati ghandhom jaghtu s-somma globali ta’ hdax il-elf lira, hames mija u tlieta u sebghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm11,573.86) dovuti bhala arretrati ta’ cens mit-13 ta’ Gunju 1999 sa 12 ta’ Gunju 2008;

5. Illi kemm ai termini tal-imsemmija koncessjoni enfitewtika kif ukoll l-artikolu 1517 u 1519 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, r-rikorrenti jista’ jitlob ix-xoljiment ta’ l-imsemmija koncessjoni enfitewtika u l-izgumbrament ta’ l-intimati mis-sit indikat kif ukoll il-hlas ta’ l-arretrati tac-cens;

6. Illi dan l-agir tal-intimat ikkawza danni lir-rikorrenti;

7. Illi peress li r-rikorrenti huwa sid il-fond in kwistjoni, ghandu nteress li jitlob dikjarazzjoni minn ghand din l-Onorabbli Qorti li l-koncessjoni enfitewtika tintemm minhabba li l-intimat naqas li jhallas ic-cens kif dovut skond il-kuntratt ta’ cens datat 3 ta’ Lulju, 1995, kif ukoll id-danni kkagunati bl-agir abbuziv u llegali tal-intimati fil-konfront tieghu, filwaqt li jobbliga lill-intimat ihallas ic-cens dovut;

8. Illi in vista ta’ dan kellha ssir il-kawza.

**It-Talba**

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tittermina l-imsemmija koncessjoni enfitewtika tat-3 ta' Lulju 1995 u tordna d-devoluzzjoni ta' l-art koncess bil-benefikati relattivi favur ir-rikorrenti u tordna ghal publikazzjoni ta' l-att relattiv. U tinnomina Nutar ghal publikazzjoni ta' l-att relattiv u tiffissa jum, hin u lok ghall-istess publikazzjoni;

2. Tordna lill-intimati jizgumbraw mis-sit in kwistjoni u jroddu lura dan is-sit bil-miljoramenti lir-rikorrenti;

3. Tiddikjara lill-intimati debituri ta' rikorrenti fis-somma ta' hdax il-elf u hames mija u tlieta u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm11,573.86) dovuta bhala arretrati ta' cens fuq din l-istess koncessjoni enfitewtika, bir-rata ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1100.00) fis-sena, rivedibbli kull hames snin skond 'l-index of inflation', pagabbli bil-quddiem, ghall-perjodu bejn it-13 ta' Gunju 1999 sa 12 ta' Gunju 2008;

4. Tikkundanna lill-intimati jhallsu dan l-ammont oltre l-interessi mit-13 ta' Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

5. Tiddikjara li l-agir tal-intimat huwa wiehed abbuziv u llegali u kontra l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-koncessjoni enfitewtika tat-3 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli u b'hekk qieghed johloq danni lir-rikorrenti u ghalhekk huma in solidum jew xort'ohra jew min minnhom responsabbli ghal dawn id-danni, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

6. Tillikwida d-danni kkagunati lir-rikorrent, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

7. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom in solidum jew xort'ohra jhallsu l-istess danni lir-rikorrent.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru 2005 u bl-imghax legali kontra l-intimati mil-lum.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li l-intimati debitament notifikati baqghu ma wiegbux u ghallhekk waqghu kontumaci;
Rat l-affidavit ta' Albert V.Mamo;
Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Billi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati, u fil-kontumacja ta' l-intimati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi

Tittermina l-imsemmija koncessjoni enfitewtika tat-3 ta' Lulju 1995 u tordna d-devoluzzjoni ta' l-art koncess bil-benefikati relattivi favur ir-rikorrenti u tordna l - publikazzjoni ta' l-att relattiv billi tinnomina lin-Nutar Louisa Vella Bardon u tordna li l-kuntratt relattiv isir fi zmien xaghrejn millum;

2. Tordna lill-intimati jizgumbraw mis-sit in kwistjoni u jroddu lura dan is-sit bil-miljoramenti lir-rikorrenti;

3. Tiddikjara lill-intimati debituri ta' rikorrenti fis-somma ta' hdax il-elf u hames mija u tlieta u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm11,573.86) Ewro 26959.84 dovuta bhala arretrati ta' cens fuq din l-istess koncessjoni enfitewtika, bir-rata ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1100.00) Ewro 2562.31 fis-sena, rivedibbli kull hames snin skond 'l-index of inflation', pagabbli bil-quddiem, ghall-perjodu bejn it-13 ta' Gunju 1999 sa 12 ta' Gunju 2008;

4. Tikkundanna lill-intimati jhallsu dan l-ammont oltre l-interessi mit-13 ta' Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

5. Tiddikjara li l-agir tal-intimat huwa wiehed abbuziv u llegali u kontra l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-koncessjoni enfitewtika tat-3 ta' Lulju 1995 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli u b'hekk qieghed holoq danni lir-rikorrenti u

ghalhekk huma in solidum responsabbli ghal dawn id-danni ;

6. Tichad is-sitt u seba talbiet billi ma ngabet ebda prova dwarhom ;

Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------